# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.**

**Appell Numru: 234/2017**

Il-Pulizija

vs

**Joseph Scicluna**

**-Omissis-**

detentur tal-karta ta' l-identita' numru 4781771(M)

Illum il-31 ta' Lulju 2019,

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Joseph Scilcuna u Matthew Scicluna quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) akkuzati talli fi 17.06.2015 kif ukoll fil-granet ta' qabel:

> b'diversi atti maghmulin minnhom ukoll jekk fi zminijiet differenti, ikunu jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u jkunu maghmulin b'risoluzzjoni wahda bla hsieb li jisirqu jew li jaghmlu hsara kontra l-ligi, izda biss biex jezercitaw jedd li jippretendu li ghandhom, gieghlu bl-awtorita taghha innifisha, lil xi hadd ihallas dejn, jew jezegwixxi obbligazzjoni tkun li tkun, jew fixxklu lil kumpanija HSBC Bank Malta plc (C3177) fil-pussess ta' hwejjgu jew b'xi mod iehor, kontra l-ligi, indahhlu fi hwejjeg haddiehor u dan bi ksur tal-artikolu 18 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 85(1) tal-Kap.9 ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tas-06 ta' April 2017 fejn il-Qorti fil-waqt li ma sabitx lill-imputat Matthew Scicluna hati tal-imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu, wara li rat l-artikolu 85(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta sabet lill-imputat

Joseph Scicluna hati tal-imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu izda bl-applikazzjoni tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta illiberatu bil-kundizzjoni li ma iwettaqx reat iehor fi zmien sena.

Il-Qorti inoltre ordnat lill-imputat Joseph Scicluna a tenur tal-artikolu 377(5) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex fi zmien xahar jikkonforma ruhu mal-ligi u dan taht penali ta' 10 ewro kuljum li fih ikompli n-nuqqas.

Rat ir-rikors tal-appellant Joseph Scicluna minnu ipprezentat fit-18 ta' April 2017 fejn talab lil din il-Qorti thassar s-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti tal-Guikatura Kriminali in kwantu sabet lill-appellant hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu u minflok tilliberah minn din l-akkuza.

Rat l-aggravji tal-appellant u cioe':-

(1) L-akkużi kellhom jinħarġu kontra d-diretturi ta' Tyre Services Ltd u mhux kontra l-appellant personalment.
(2) Bl-istess mod li l-ewwel Qorti lliberat lill-ko-akkużat Matthew Scicluna a bażi tal-fatt illi l-fond mhuwiex tiegħu iżda tal-kumpanija, din kellha tapplika fil-konfront tal-appellant ukoll.
(3) Il-fatt li l-appellant biddel is-serratura hu ma jfissirx li huwa ħati li kkometta r-reat in kwistjoni imma semmai ir-reat ġie kommess minn min huwa s-sid tal-fond (Tyre Services Ltd) fejn konsegwentement kellhom ikunu d-diretturi ta' din il-kumpanija li kellhom jiġu akkużati u mhux l-appellant f'ismu personali.
(4) In oltre l-Bank ma kellux pussess fuq il-fond u b'hekk hemm element importanti nieqes.
(5) Di piu permezz ta' nota ipprezentata fl-atti tas-subbasta, il-bank HSBC ċeda l-jeddijiet tieghu fuq il-propjeta' in kwsitjoni, li għandu jkollu piz legali suffiċjenti anki f'dan il-każ. Kwindi il-Bank ċeda l-pussess li kien igawdi fuq l-imsemmija propjeta'.
(6) Kull m'għamel l-appellant huwa li rrintegra l-kumpanija Tyre Services Ltd fil-pussess illi kellha fejn fil-fatt huma qatt ma tilfu dan il-pussess. Kien konsegwentement il-Bank li kkometta ir-reat li bih ġie mixli l-appellant għax qabad u biddel is-serratura minn jeddu.
(7) Mhuwiex verosimili dak li stqarr ir-rapprezentant tal-Bank, Heywood dwar l-installazzjoni ta' katnazz u katina peress li m'hemm imkien ma fejn dawn

jistgħu jitwaħħlu. Infatti meta mistoqsi waqt l-aċċess hu wera toqba li ma kienet xejn ħlief toqba għall-viti biex titwaħħal tabella 'for sale'.

(8) Filwaqt li huwa minnu li l-appellant offra ċ-ċwievet tal-fond lill-Bank tramite impjegat, dan ma kienx għaliex il-bank kellu l-pussess tal-istess u dan irid jitqies fl-isfond tat-taħdidiet li kienu għaddejjin bejn il-bank u l-kumpanija biex il-propjeta' tinbiegħ fejn iċ-ċwievet ingħataw biex jekk il-Bank ikollu min irid jixtri l-fond ikun jista' jurieh l-istess proprjeta. Wara kollox il-bejgħ tal-propjeta kien fl-interess taz-zewg partijiet.

(9) Il-fond għandu 3 entraturi, waħda fit-triq Old Railway Track u tnejn oħra fi Triq il-Ħarrub fejn l-appellant biddel biss dik tal-bieb tal-ġenb (fi triq il-Ħarrub) u dan peress li l-Bank kien diġa biddlu abbusivament xahar qabel. B'hekk il-Bank qatt ma ġie spussessat peress illi kien hemm żewġ bibien oħra.

(10) Konsegwentement l-esponent ma seta qatt jinstab ħati u dan anki peress li l-akkuża tindika l-bieb fi triq Old Railway u mhux Triq il-Ħarrub.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi minn ezami tal-atti probatorji jirrizulta illi nhar it-2 ta' Lulju 2015 il-pulizija ġiet mitluba fuq talba tal-HSBC Bank Malta (plc) tinvestiga lill-imputati Scicluna fir-rigward ta' kumpless li jgib l-isem Tyre Services Complex mibni fuq zewg plots ġewwa Triq il-Ferrovija, St. Venera numri 48A u 49A, liema proprjeta giet liberata permezz ta' bejgh bl-irkant favur il-Bank parti leza. Illi gie irrappurtat mill-Bank illi l-imputati biddlu s-serratura tal-imsemmi fond sabiex b'hekk il-Bank gie imcahhad mill-access ghalih. Dan allegatament seħħ fit-18 ta' Mejju 2015 u imbaghad fis-17 ta' Ġunju 2015 meta ir-rapprezentant tal-Bank certu John Heywood li kien qed jiehu hsieb din il-proprjeta' bil-

ghan li jressaq xerrejja prospettivi sabiex jaraw il-fond, innota li s-serratura kienet inbiddlet u li allura ma kellux aktar access ghalih.

Illi jirrizulta mill-atti illi fil-fatt din il-proprjeta kienet tappartjeni lis-socjeta Tyre Services Limited li taghha missier l-appellant huwa wiehed mid-diretturi, liema proprjeta' madanakollu giet aggudikata favur il-Bank HSBC f'bejgh bl-irkant mizmum taht l-awtorita tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-24 ta' Mejju 2005. Minn hanwhekk il-proprjeta' ghaddiet fil-pussess tal-Bank u l-Bank beda jiehu hsieb din il-proprjeta u jipprova isib akkwirent prospettiv. Jidher izda li l-bank HSBC ċeda l-fond subastandi lura fis-sena 2007 a tenur tal-artikolu 2071 tal-Kodici Civili. L-appellant ghalhekk jikkontendi illi b'tali ċessjoni l-Bank ċeda d-drittijiet li seta' kellu fuq l-imsemmija propjeta' u kwindi anki kwalunkwe dritt ta' pussess. Illi allura l-Bank parti leza ma setax ikompli bin-negozjati sabiex tinbiegh din il-proprjeta gjaldarba kien hemm din ir-rinunzja. Dan ghalih ifisser illi s-soċjeta Tyre Services Limited ġie ripristinata fil-pussess tal-imsemmi fond. Anzi l-appellant jissottometti illi kien il-Bank li biddel is-serratura meta ma kellu l-ebda dritt jagħmel dan u li hu sempliċiment reġa biddel is-serratura lura, skond hu bl-għarfien tal-Bank stess. Jishaq inoltre illi huwa qatt ma messu gie iccitat fil-vesti tieghu personali peress illi semmai l-att spoljattiv sar mill-kumpanija Tyre Services Limited u li allura kellhom jigu mharrka id-diretturi ta' din is-socjeta u mhux hu fil-vesti tieghu personali.

Ikkunsidrat:

Illi fid-dawl tan-natura tal-aggravji mqajjma, tajjeb li din il-Qorti tfakkar illi huwa prinċipju stabbilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti li hija ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmula mill-ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk, izda, din

il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura impellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni[1].

Illi l-Ewwel Qorti ghamlet rassenja metikoluza u guridikament valida tal-elementi legali li isawwru r-reat ta' 'l hekk imsejjah ragion fattasi u kwindi a kans ta' repetizzjoni din il-Qorti qed taghmel taghha dina l-esposizzjoni erudita.

Jinghad biss illi anke is-semplici detenzjoni jew dritt ta' tgawdija jew uzu huwa bizzejjed sabiex jissussisti r-reat u dan meta bl-att materjali l-parti leza tigi imcahhda milli tkompli b'dan l-użu jew din it-tgawdija. Infatti skond il-każ fl-ismijiet il-Pulizija vs Joseph Bongailas[2], il-Qorti kkunsidrat is-segwenti:

> **L-Artikolu 85 tal-Kodici Kriminali li jittratta dwar ir-ragion fattasi, bl-ewwel rekwizit tieghu, kjarament iqis bhal agir kriminali kull att ta' xi hadd li jfixkel lil xi haddiehor fil-pussess ta' xi haga li qed igawdi. L-imsemmi artikolu, ghalhekk, jittutela l-pussess tal-haga u mhux necessarjament ukoll il-propjeta' taghha. Il-kelma pussess, ghalhekk, tinkludi l-uzu jew dgawdija ta' dik il-haga.**

---

[1] Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: Ir-Repubblika ta' Malta v. Rida Salem Suleiman Shoaib, 15 ta' Jannar 2009; Ir-Repubblika ta' Malta v. Paul Hili, 19 ta' Gunju 2008; Ir-Repubblika ta' Malta v. Etienne Carter, 14 ta' Dicembru 2004 Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa, 16 ta' Ottubru 2003; Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina 24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak 23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed, 5 ta' Lulju 2002; Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino, 7 ta' Marzu 2000, Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt, 1 ta' Dicembru 1994; u Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: Il-Pulizija v. Andrew George Stone, 12 ta' Mejju 2004, Il-Pulizija v. Anthony Bartolo, 6 ta' Mejju 2004; Il-Pulizija v. Maurice Saliba, 30 ta' April 2004; Il-Pulizija v. Saviour Cutajar, 30 ta' Marzu 2004; Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et, 21 ta' Ottubru 1996; Il-Pulizija v. Raymond Psaila et, 12 ta' Mejju 1994; Il-Pulizija v. Simon Paris, 15 ta' Lulju 1996; Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace, 31 ta' Mejju 1991; Il-Pulizija v. Anthony Zammit, 31 ta' Mejju 1991.

[22] Qorti tal-Appell Kriminali Sede Inferjuri, ippreseduta mill-Imħallef Patrick Vella u datata 22.10.2001.

**Li hu importanti, ai fini ta' l-Artikolu 85 tal-Kap. 9, dejjem riferibbilment ghall-ewwel element kostituttiv tieghu huwa jekk effettivament sa dik in-nhar li sar dan l-allegat att ta'spoll mill-appellant, kellhomx il-kwerelanti l-pussess, ossija l-uzu u/jew id-dgawdija tal-fond in kwistjoni.**

Ukoll fl-appell il-Pulizija vs John Vassallo[3], il-Qorti qieset illi:

**'Taht l-Artikolu 85 tal-Kodici Kriminali ma hemm ebda bzonn illi jigi ppruvat xi element ta' pussess aktar sostanzjali minn hekk. Id-dicitura ta' l-artikolu hija cara u l-legislatur certament ried illi jigi evitat kull tfixkil, hu ta' liema natura hu, anki fis-semplici pussess. Tali pussess jinkludi wkoll kif gie ripetutament deciz minn din il-Qorti, anke s-semplici drittijiet normalment kompetenti lill-persuni koncernati.'**

Dan ghaliex[4]:

**'id-dispozizzjoni tal-ligi li tikkontempla r-reat ta' ragion fattasi hija ntiza biex il-privat li jippretendi xi drittijiet ma jissostitwix l-azzjoni tieghu ghal dak tat-tribunal meta jista' jirrikorri lejhom. Hi gusta jew le l-pretensjoni tieghu, hu ma jistax minn rajh jezercita dawk id-drittijiet li hu jippretendi li ghandu'.**

Illi allura l-azzjoni penali li titwieled bl-att spoljattiv issanzjonat fl-artikolu 85 tal-Kodici Kriminali ghandha hajja indipendenti minn kwalunwe azzjoni civili ezistenti bejn il-partijiet u allura kwalunkwe azzjoni petitorja jew possessorja li xi wiehed mill-partijiet ikollu jedd ghaliha. Dan ghaliex:

**Apparti li l-azzjoni kriminali u l-azzjoni civili jitmexxew indipendentement minn xulxin (Artikolu 6, Kap. 9), ir-reat ipotizzat fl-imputazzoni huwa dak ta' delitt kontra l-amministrazzjoni tal-gustizzja, u aktar precizament id-delitt ta' l-uzu kontra l-ligi mill-privat tas-setghat ta' l-awtorita` pubblika. L-Artikolu 85 tal-Kodici Kriminali hu intiz mhux biex jipprotegi l-proprjeta`, mobbli jew immobbli, ta' dak li jkun - ghal tali protezzjoni hemm l-azzjoni civili - izda biex jipprevjeni l-uzurpazzjoni mill-privat tas-setghat ta' l-awtorita` pubblika. Isegwi ghalhekk li, indipendentement mill-protezzjoni moghtija permezz ta' l-azzjoni jew azzjonijiet civili, jekk jirrizulta bhala fatt li kien hemm l-**

---

[3] Qorti tal-Appell Kriminali Sede Inferjuri, ippreseduta mill-Imħallef Godwin Muscat Azzopardi u datata 22.3.1991.

[4] Qorti ta' l-Appelli Kriminali fl-ismijiet il-Pulizija vs John Dimech deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali Sede Inferjuri, ippreseduta mill-Imħallef William Harding u datata l-24 ta' Ġunju 1961.

**uzurpazzjoni ravvizata fl-imsemmi Artikolu 85, il-Qrati ta' Gustizzja Kriminali ghandhom jagixxu tempestivament biex jirristabilixxu l-ordni pubblika permezz tas-sanzjoni penali.**[5]

Ikkunsidrat:

Illi jibda biex jinghad illi l-appellant *ex admissis* jistqarr illi huwa biddel is-serratura tal-fond mertu ta' dan il-kaz. Dan ma jinneggahx izda jikkontendi illi b'din l-azzjoni l-Bank ma giex svestit mill-pussess li kellu fuq dan il-fond, billi huwa kien ceda dan il-pussess lura fis-sena 2007 fit-termini tal-artikolu 2071 tal-Kodici Civili. Lanqas ma huwa kontestat illi Scicluna, l-appellant mhuwiex wiehed mid-diretturi tas-socjeta Tyres Services Limited, liema socjeta kienet f'idejn missieru, u lanqas ma jidher li għandu kariga ta' rappreżentanza tal-kumpanija . Dan ifisser allura illi gjaladarba gie minnu ammess li huwa biddel is-serratura tal-fond, l-ilment tieghu illi huwa gie imharrek hazin, billi semmai kellhom ikunu d-diretturi tas-socjeta li jigu iccitati sabiex iwiegbu ghall-akkuza lilu addebitata, ma tista' qatt tregi.

Illi dan maghdud l-Qorti hadet *judicial notice* tad-decizjoni HSBC Bank (Malta) plc. vs Anton u Margaret konjugi Scicluna deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili tas-26 ta' Ottubru 2010, kif ukoll tal-*actio ipotecaria* mressqa mill-konjugi Scicluna deciza bis-sentenza esebieta in atti  Dokument H1 tas-27 ta' Novembru 2014. Minn dawn id-decizjonijiet jirrizulta illi ic-cessjoni li saret mill-Bank fit-termini ta'l-artikolu 2071 tal-Kodici Civili giet necessitata wara protest gudizzjarju maghmul mill-konjugi Scicluna, kredituri tas-socjeta Tyre Services Limited, sabiex il-Bank icedi l-fond mertu ta' dan il-kaz billi huma kellhom kreditu kanonizzat favur taghhom b'ipoteka gravanti din l-imsemmija proprjeta, u dan jekk il-Bank ma jhallasx id-dejn infraskritt fl-imsemmija ipoteka. Fil-fatt in segwitu ghal dan il-protest il-Bank ceda il-proprjeta fit-termini tal-artikolu 2071 tal-Kodici Civili u minn hawnhekk skattaw l-proceduri gudizzjarji li

[5] Pulizija vs Anthony Micallef deċiża nhar it-30 ta' Lulju 2004 mill-Imħallef Vincent Degaetano.

titkellem dwarhom il-ligi fejn allura il-kreditur jista' jaghmel talba ghall-bejgh bl-irkant tal-proprjeta mill-gdid, jew 'l hekk imsejjha subbasta sperimentali. Gara izda li dan l-protest gudizzjarju gie iddikjarat null bid-decizjoni tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tas-27 ta' Novembru 2014 billi d-debitur qatt ma gie innotifikat bl-istess sabiex l-azzjoni intentata kienet wahda intempestiva u b'hekk l-konjugi Scicluna gew li iddekadew mid-drittijiet taghhom skont il-ligi li jitolbu il-bejgh mill-gdid bl-irkant, bl-aggudikazzjoni li saret favur il-Bank tal-proprjeta' tibqa' fuq saqajha. Dan allura ma kellux ifisser, kif donnu qed jallega l-appellant, illi l-Bank gie li tilef il-jeddijiet kollha tieghu fuq dan il-fond illiberat favur tieghu bil-procedura tas-subbasta, ghaliex wara li issir tali cessjoni il-kreditur li qed jivvanta drittijiet ipotekarji fuq il-proprjeta irid jew isegwi il-procedura imfassala fil-ligi u dan sabiex issir is-subbasta sperimentali u dan fit-terminu ta' sitt xhur moghti bil-ligi min-notifika lilu maghmula tan-nota ta' cessjoni, jew inkella billi iressaq l-azzjoni ipotekarja ukoll fi zmien sitt xhur min-notifika lid-debitur jew lit-terz possessur tal-protest gudizzjarja surriferit. Jidher illi l-konjugi Scicluna segwew din l-ahhar procedura li madanakollu ma irnexxietx u dan kif gie deciz bis-sentenza esebieta in atti bhala Dokument H1, kif inghad. Dan kollu ifisser illi c-cessjoni li jistrieh fuqha l-appellant bhala difiza favur tieghu ma tista' qatt tattakka l-azzjoni penali in dizamina li ghandha l-parametri taghha ghal kollox differenti mill-jeddijiet civili. L-Ewwel Qorti ghalhekk kellha ragun meta ma dahlitx f'din id-difiza li ipprova jqanqal anke quddiemha l-appellant.

Fit-tieni lok, l-appellant jishaq illi s-serratura li inbiddlet kienet biss dik li tinsab fi Triq il-Harruba, billi l-proprejta ghandha tlett bibien. Issa jidher mill-provi prodotti li dan is-sit jisporġi fuq żewġ toroq senjatament Triq il-Ferrovija u Triq tal-Ħarrub. Jidher ukoll li hemm żewġ bibien fi triq waħda u entratura oħra fi triq oħra. Issa minn analizi tal-akkuża jidher illi dina tfasslet f'termini wiesgha minghajr ma hemm ebda indikazzjoni tal-lok jew it-triq fejn jinsab sitwat il-fond in kwistjoni. L-unika referenza li saret għat-triq huwa fl-affidavit ta' PS1236 J Gatt fejn jirreferi għall-propjeta in kwistjoni bħala waħda sitwata fi Triq il-Ferroviija. In oltre għal dak li jirrigwarda l-validita' tal-prova,

tenut kont tal-fatt li l-fond in kwistjoni jisbokka fuq żewġ toroq, fosthom Triq il-Ferrovija, liema bieb jifforma parti dejjem mill-istess fond, ma jwassal għall-ebda dubbju f'moħħ din il-Qorti dwar l-lok fejn seħħ ir-reat allegatament kommess mill-appellant. Illi *di piu* mix-xhieda ta' John Heywood, rapprezentant tal-bank HSBC jidher illi bl-azzjoni kommessa mill-appellant, il-Bank spicca minghajr access ghal dan il-fond, tant illi meta inbiddlet is-serratura fl-ewwel okkazzjoni, l-Bank fil-presenza tal-pulizija rega' biddel is-serratura sabiex seta' jikseb access, meta imbaghad l-appellant rega' biddel is-serratura ghat-tieni darba u allura gew istitwiti dawn il-proceduri ghaliex l-access rega gie imcahhad. Konsegwentement anki dan l-aggravju qed jiġi miċħud.

Illi finalment mix-xiehda ta' John Heywood, impjegat mal-Bank HSBC li tul is-snin kellu r-responsabbilta' li jiehu hsieb dan il-fond u li isib akkwirent prospettiv ghall-istess u li huwa l-persuna li huwa responsabbli għall-propjetajiet akkwistati mill-Bank bil-procedura tas-subbasta inkluż il-bejgħ tagħhom lil terżi, jidher li l-Bank qatt ma ġie spussessat minn din il-propjeta tant illi sa ftit ġimgħat qabel kien acceda ghal dan il-fond ma żewġ aġenti tal-propjeta sabiex jagħtu stima tal-valur tal-proprjeta u dan peress li l-Bank kien iddeċieda li jerġa' jqiegħed il-fond fuq is-suq. Meta Heywood mar darb'oħra ma aġent iehor sab il-bieb bis-serratura mibdula u ma setax jaċċedi għal fond. Il-Bank bl-assistenza tal-pulizija kienu biddlu din is-serratura u sussegwentement madwar xahar wara kienu sabu l-istess serratura mibdula għal darb'oħra. Is-sur Heywood kien fil-fatt ra lill-appellant diehel f'din il-proprjeta meta mar jispezzjona l-post fix-xahar ta' Ġunju. Heywood jinsisti illi irrispettivament mic-cessjoni li sehhet kif allegat mill-appellant lura fl-2007, il-Bank dejjem zamm il-pussess ta' dan il-fond u mhux biss izda huwa kien imur hemmhekk regolarment. Fil-fatt ighid li l-post kien mitluq u anke kien jiehu hsieb din il-proprjeta' fil-kors tal-manzjonijiet tieghu u iressaq akkwirenti prospettivi ghall-istess. Il-Bank dejjem zamm ic-cavetta tal-fond u baqa' ikollu access ghall-istess sakemm inbiddlet is-serratura mill-appellant.

Illi allura fid-dawl ta' dawn il-fatti probatorji u tal-gurisprudenza u principji ta' dritt li jemanu mill-artikolu 85 tal-Kodici Kriminali, u minghajr pregudizzju ghal kwalunkwe dritt civili naxxenti minn dawn il-fatti, l-aggravji tal-appellant ma jisthoqqilhomx akkoljiment billi huwa indubitat illi il-Bank HSBC kellu f'idejh il-proprjeta tant illi anke kellu ic-cavetta tal-post, u l-appellant unilateralment u minghajr pre-avviz biddel is-serratura tal-fond sabiex il-Bank tilef l-access li huwa kien igawdi ghall-istess. Dan ghaliex il-fatt li tnejn minn tlett bibien ġew imbarrati mill-istess Bank u l-fatt illi kien hemm access għal fond f'iktar minn okkazzjoni wahda fuq medda ta' snin kemm qabel kif ukoll wara li ġiet ippreżentata n-nota ta' ċessjoni mingħajr ebda ostakolu hija indikattiva tal-pussess kontinwu f'idejn il-parti leza. In oltre ghalkemm fix-xiehda tieghu, l-appellant jallega li kien tkellem ma persuna impjegata mal-bank (indikat bħala is-Sur Gerada) li lilu kien allegatament avza qabel biddel is-serratura meta l-Bank ma kienx ghadu fil-pussess tal-fond, dan qatt ma gie prodott sabiex jixhed u isostni din l-verzjoni.

Fid-dawl ta' dawn il-motivazzjonjijiet l-Qorti hija tal-fehma illi l-Ewwel Qorti setgħet legalment u raġjonevolment issib lill-appellant ħati tal-unika akkuża miġjuba kontra tiegħu.

Għal dawn il-motivi l-Qorti, taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata bit-terminu ta' xahar moghti mill-Ewwel Qorti fit-termini tal-artikolu 377(5) tal-Kodici Kriminali jibda jidekorri mil-lum.

Edwina Grima

Imhallef